

Brussell, 4 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12806/26

DELECT 137
PECHE 327

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6205 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'4.9.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni (<i>Delphinus delphis</i>) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 6205 final.

Mehmuż: C(2026) 6205 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2026
C(2026) 6205 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241¹ jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, biex jintlaħaq l-oġġettiv li jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet tal-baħar sensittivi, inklużi dawk elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE² u 2009/147/KE³, li jirriżultaw mis-sajd, jitnaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jiġu eliminati sabiex ma jkunux theddida għall-istat ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tqis l-ispeċifitàjiet reġjonali tas-sajd rilevanti, billi temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013⁴.

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għal speċijiet sensittivi. Il-punt 3 ta' dak l-Anness jirrikjedi li l-Istati Membri jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi fejn l-evidenza xjentifika vvalidata tindika l-impatti negattivi tal-irkaptu tas-sajd fuq speċijiet bħal dawn. Il-punti 2 u 4 ta' dak l-Anness jirrikjedu wkoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi meħtieġa biex jiġbru data xjentifika dwar il-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi u biex jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti skont l-Anness.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2019/1241 jipprevedi li rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemija fl-Artikolu 15(2), fir-rigward tal-protezzjoni ta' speċijiet u habitats sensittivi, tista' (i) tispeċifika l-użu ta' miżuri addizzjonali jew alternattivi għal dawk imsemija fl-Anness XIII biex timminimizza l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet imsemija fl-Artikolu 11; (ii) tipprovi informazzjoni dwar l-effettività ta' miżuri ta' mitigazzjoni eżistenti u arranġamenti ta' monitoraġġ; (iii) tispeċifika r-restrizzjonijiet fuq it-tħaddim ta' ċertu rkaptu jew tintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu f'żona fejn tali rkaptu jkun theddida għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dik iż-żona kif imsemmi fl-Artikoli 10 u 11 jew habitats sensittivi oħrajn. L-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jirreferi għall-mammiferi tal-baħar jew ir-rettili tal-baħar elenkati fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE u l-ispeċijiet ta' għasafar tal-baħar koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

Id-denfil komuni (*Delphinus delphis*) huwa speċi protetta strettament skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE, li telenka ċ-ċetaċji kollha bħala speċijiet ta' interess Komunitarju li jeħtieġu protezzjoni stretta. Bejn l-2017 u l-2023, il-mortalità annwali stmata tad-dniefel komuni tul il-kosta Franċiża tal-Golf tal-Biskalja kienet, bħala medja, 4700⁵. Barra minn hekk, 66 % tal-karkassi taċ-ċetaċji li jispiċċaw fuq ix-xatt fi Franza kellhom traċċi ta' rkaptu tas-sajd. Għalhekk, il-qabdiet aċċessorji jitqiesu bħala theddida għall-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet.

Fit-30 ta' Settembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3089⁶ li jemenda l-Anness III tar-Regolament (UE) 2019/1241. Dak ir-Regolament Delegat introduċa, sal-31 ta' Diċembru 2025, perjodu fiss tal-għeluq tas-sajd mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar, l-użu obbligatorju ta' apparat akustiku deterrenti għal ċerti rkapti sabiex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni, u miżuri ta' monitoraġġ biex jittejjeb l-għarfien dwar l-interazzjonijiet bejn iċ-ċetaċji u l-attivitajiet tas-sajd fil-Golf tal-Biskalja (is-subżona 8 tal-ICES). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2593⁷ estenda dawk il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2026.

Skont il-Pelagis, l-osservatorju Franċiż għall-konservazzjoni tal-megafawna tal-baħar u tal-għasafar tal-baħar, l-għadd totali ta' każijiet ta' dniefel komuni li jispiċċaw fuq ix-xatt naqas fl-2024 u fl-2025 meta mqabbel mal-perjodu ta' referenza (2017-2023)⁵.

Fit-12 ta' Ġunju 2026, il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands, u l-Portugall) ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tipproponi reġim tal-għeluq tas-sajd li permezz tiegħu l-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni jkun jistgħu jagħżlu perjodu ta' għeluq alternattiv ta' 30 jum konsekuttiv bejn il-15 ta' Jannar u s-27 ta' Frar 2027, dment li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwaru mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2027. Fin-nuqqas ta' tali notifika, għandu japplika l-perjodu ta' għeluq prestabbilit, mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar 2027. Ir-reġim tal-għeluq tas-sajd huwa maħsub biex iżid il-flessibbiltà operazzjonali għas-settur tas-sajd, u b'hekk inaqqas l-impatti ekonomiċi filwaqt li jkompli jkopri l-perjodu meta r-riskju tal-qabdiet aċċessorji jkun għoli; u jwieġeb għal talba diretta mis-settur tas-sajd biex l-għeluq tas-sajd jiġi adattat aħjar mal-attivitajiet tas-sajd⁸. Fir-rakkomandazzjoni konġunta, l-Istati Membri pproponew ukoll l-estensjoni, sal-31 ta' Diċembru 2027, tal-użu ta' apparati akustiċi deterrenti u tal-miżuri ta' monitoraġġ previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2025/2593.

⁵ Peltier Hélène, Authier Matthieu, Dars Cécile, Wund Sarah, Spitz Jérôme. Pelagis, l-Università ta' La Rochelle (2025). Bilan des mortalités par capture : hiver 2025 (<https://www.actu-environnement.com/media/pdf/news-47155-bilan-pelagis-mortalite-cetaces-golfe-gascogne-2025.pdf>).

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3089 tat-30 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (ĠU L, 2024/3089, 9.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3089/oj).

⁷ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2593 tal-11 ta' Awwissu 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (ĠU L, 2025/2593, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2593/oj).

⁸ SWWAC(2026). L-Opinjoni 187 maħruġa fil-kuntest tal-iżvilupp tar-rakkomandazzjoni konġunta dwar miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' dniefel komuni fil-Golf tal-Biskalja (<https://cc-sud.eu/wp-content/uploads/2026/05/Avis187-cetaces-0526-FR.pdf>).

Fil-laqqha plenarja tiegħu bejn is-6 u l-10 ta' Lulju 2026⁹, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ikkunsidra l-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda li l-valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni konġunta preċedenti li saret matul il-PLN 24-02 għadha tapplika, jiġifieri li l-miżuri proposti jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali. Madankollu, l-STECF innota li dawn il-miżuri huma inqas stretti mill-miżuri rakkomandati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES")¹⁰, kif ukoll qajjem tħassib dwar l-impatt tal-irkapti u taż-żoni eżentati mill-għeluq fuq il-mortalità tad-dniefel. L-STECF qies ukoll li għeluq ta' xahrejn, kif irrakkomandat mill-ICES, jippermetti kopertura aħjar iżda x'aktarx ikollu impatti soċjali u ekonomiċi sinifikanti. L-STECF ikkonkluda wkoll li mhuwiex possibbli li jiġi previst l-effett tal-modifika proposta fil-mod kif ikun strutturat l-għeluq spazjotemporalment peress li ż-żmien tal-ogħla interazzjoni bejn il-flotta tas-sajd u d-dniefel huwa varjabbli wisq matul is-snin. L-STECF innota li l-introduzzjoni tal-flessibbiltà taż-żmien tal-għeluq tista' ttaffi l-impatti ekonomiċi fuq il-flotta tas-sajd u tippromwovi l-konformità, u li n-notifika bikrija tal-perjodi tas-sajd magħżula lill-awtoritajiet tal-Istati Membri hija kruċjali biex jiġi ttejjeg żmien sabiex jiġi implimentati l-miżuri ta' kontroll meħtieġa. Fl-aħħar nett, l-STECF jirrikonoxxi li r-riċerka estensiva mwettqa f'dawn l-aħħar snin tejjeb b'mod sinifikanti l-fehim dwar l-ekoloġija tal-ispeċijiet u l-interazzjoni tagħha mas-sajd, inkluż permezz ta' delinjazzjoni spazjali aktar preċiża taż-żoni ta' riskju għoli; u li jidher li l-iżvilupp u l-ittestjar ta' sistema elettronika ta' monitoraġġ joffru soluzzjoni kosteffettiva għall-għbir ta' data affidabbli b'kopertura notevolment usa'.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fit-22 ta' Mejju 2026, il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (SWWAC) ħareġ opinjoni dwar abbozz kważi finali tar-rakkomandazzjoni konġunta. Fl-opinjoni tiegħu, l-SWWAC irrakkomanda, fost l-oħrajn, għeluq tas-sajd flessibbli fejn is-sajjieda jkunu jistgħu jagħżlu għeluq ta' 30 jum konsekuttiv fil-perjodu ta' riskju għoli ta' qabdiet aċċessorji.

Kemm l-SWWAC kif ukoll il-Kunsill Konsultattiv tal-Istokkijiet Pelaġiċi attendew parzjalment il-laqqha tekniċi tal-Grupp ta' Livell Għoli għall-Ilmijiet tal-Lbiċ.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fis-26 ta' Awwissu 2026.

3. ELEMENTI LEGAL TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni

L-att delegat jemenda l-miżuri stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 billi jistabbilixxi perjodu ta' għeluq tas-sajd u jestendi l-użu ta' apparat akustiku deterrenti u miżuri ta' monitoraġġ sal-31 ta' Diċembru 2027, fil-Golf tal-Biskalja (is-subżona 8 tal-ICES).

Bażi Legali

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁹ STECF(2026). 82nd Plenary report (STECF-PLN-26-02), Publications Office of the European Union, Luxembourg, 2026, https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf_plen_26-02.

¹⁰ ICES(2023). EU request on mitigation measures to reduce bycatches of common dolphin (Delphinus delphis) in the Bay of Biscay (ICES Subarea 8), <https://doi.org/10.17895/ices.advice.23515176>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'4.9.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi dwar l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni. L-Anness XIII tiegħu jipprevedi r-regoli fil-livell reġjonali fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi inklużi ċ-ċetaċċi, billi jingħataw dettalji dwar iż-żoni ristretti, il-perjodi, u l-limitazzjonijiet tal-irkaptu.
- (2) Fost l-oħrajn, dak ir-Regolament jipprevedi miżuri speċifiċi biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-dniefel komuni u ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (is-subżona 8 tal-ICES). Dawn il-miżuri jinkludu: (i) l-użu ta' apparat akustiku deterrenti għax-xbieki tat-tkarkir pelaġiku ta' nofs l-ilma u x-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi kollha, (ii) l-għeluq tas-sajd mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar u (iii) s-sett ta' miżuri anċillari għall-ġbir tad-data xjentifika dwar il-qabdiet inċidentali ta' ċetaċċi żgħar fil-ġurnal ta' abbord, kif ukoll ir-reġistrazzjonijiet magħmula billi jiġu koperti ċerti perċentwali tal-isforz tas-sajd b'osservaturi jew sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ li jinkorporaw kameras abbord.
- (3) Dawk il-miżuri speċifiċi, introdotti fir-Regolament (UE) 2019/1241 bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3089², u estiżi bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2593³, jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2026.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/3089 tat-30 ta' Settembru 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward ta' miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni

- (4) Fit-12 ta' Ġunju 2026, il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Ilmijiet tal-Lbiċ (il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands, u l-Portugall) ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tipproponi reġim tal-għeluq tas-sajd li permezz tiegħu l-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jagħżlu perjodu ta' għeluq alternattiv ta' 30 jum konsekuttiv bejn il-15 ta' Jannar u s-27 ta' Frar 2027, dment li jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwaru mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2027. Fin-nuqqas ta' tali notifika, jenħtieġ li japplika l-perjodu ta' għeluq prestabbilit, mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar 2027. Ir-reġim tal-għeluq tas-sajd huwa maħsub biex iżid il-flessibbiltà operazzjonali għas-settur tas-sajd, u b'hekk inaqqas l-impatti ekonomiċi filwaqt li jkompli jkopri l-perjodu meta r-riskju tal-qabdiet aċċessorji jkun għoli. Fir-rakkomandazzjoni konġunta, l-Istati Membri pproponew ukoll l-estensjoni, sal-31 ta' Diċembru 2027, tal-użu ta' apparati akustiċi deterrenti u tal-miżuri ta' monitoraġġ previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2025/2593.
- (5) Waqt it-tnejn tar-rakkomandazzjoni konġunta, il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ ("SWWAC") ipprova opinjoni dwar l-abbozz kważi finali⁴. Fl-opinjoni tiegħu, l-SWWAC irrakkomanda, fost l-oħrajn, għeluq tas-sajd flessibbli fejn is-sajjieda jkunu jistgħu jagħżlu għeluq ta' 30 jum konsekuttiv fil-perjodu ta' riskju għoli ta' qabdiet aċċessorji.
- (6) Fil-laqgħa plenarja tiegħu bejn is-6 u l-10 ta' Lulju 2026⁵, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ikkunsidra l-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta u kkonkluda li l-valutazzjoni tar-rakkomandazzjoni konġunta preċedenti li saret matul il-PLN 24-02 għadha tapplika, jiġifieri li l-miżuri proposti jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali. Madankollu, l-STECF innota li dawn il-miżuri huma inqas stretti mill-miżuri rakkomandati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES")⁶, u qajjem tħassib dwar l-impatt tal-irkapti u taż-żoni eżentati mill-għeluq fuq il-mortalità tad-dniefel. L-STECF qies ukoll li għeluq ta' xahrejn, kif irrakkomandat mill-ICES, jippermetti kopertura aħjar iżda x'aktarx ikollu impatti soċjali u ekonomiċi sinifikanti. L-STECF ikkonkluda wkoll li mhuwiex possibbli li jiġi previst l-effett tal-modifika proposta fil-mod kif ikun strutturat l-għeluq spazjotemporal peress li ż-żmien tal-ogħla interazzjoni bejn il-flotta tas-sajd u d-dniefel huwa varjabbli wisq matul is-snin. L-STECF innota li l-introduzzjoni tal-flessibbiltà taż-żmien tal-għeluq tista' ttaffi l-impatti ekonomiċi fuq il-flotta tas-sajd u tippromwovi l-konformità, u li n-notifika bikrija tal-perjodi tas-sajd magħżula lill-awtoritajiet tal-Istati Membri hija kruċjali biex jitħalla biżżejjed żmien sabiex jiġi implimentati l-miżuri ta' kontroll meħtieġa.

(*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (ĠU L, 2024/3089, 9.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/3089/oj).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2593 tal-11 ta' Awwissu 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-estensjoni tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċji żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja (ĠU L, 2025/2593, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2593/oj).

⁴ SWWAC(2026). L-Opinjoni 187 maħruġa fil-kuntest tal-iżvilupp tar-rakkomandazzjoni konġunta dwar miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' dniefel komuni fil-Golf tal-Biskalja (<https://cc-sud.eu/wp-content/uploads/2026/05/Avis187-cetaces-0526-FR.pdf>).

⁵ STECF(2026). 82nd Plenary report (STECF-PLN-26-02), Publications Office of the European Union, Luxembourg, 2026, https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/d/stecf/stecf_plen_26-02.

⁶ ICES(2023). EU request on mitigation measures to reduce bycatches of common dolphin (*Delphinus delphis*) in the Bay of Biscay (ICES Subarea 8), <https://doi.org/10.17895/ices.advice.23515176>.

- (7) L-STECEF irrikonoxxa li r-riċerka estensiva mwettqa f'dawn l-aħħar snin tejjbet b'mod sinifikanti l-fehim dwar l-ekoloġija tal-ispeċijiet u l-interazzjoni tagħha mas-sajd, inkluż permezz ta' delineazzjoni spazjali aktar preċiża taż-żoni ta' riskju għoli. Innata wkoll li jidher li l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistemi elettronika ta' monitoraġġ joffru soluzzjoni kosteffettiva għall-ġbir ta' data affidabbli b'kopertura notevolment usa'. L-STECEF innata wkoll li d-data disponibbli tkopri biss il-perjodu sal-2024 u li ma jistgħux jinsiltu konklużjonijiet definittivi fir-rigward tal-effett tal-għeluq. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jirrieżaminaw u jivvalutaw id-data u l-informazzjoni kollha disponibbli l-aktar reċenti dwar il-qabdiet aċċessorji tad-dniefel komuni sabiex jikkunsidraw aġġustamenti possibbli għall-għeluq tas-sajd.
- (8) Wara l-parir tal-STECEF, fil-5 ta' Awwissu 2026 il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ilmijiet tal-Lbiċ aġġorna r-rakkomandazzjoni konġunta biex jippermetti l-possibbiltà ta' rieżami tal-miżuri, abbażi ta' data ġdida dwar il-qabdiet aċċessorji jew ta' kwalunkwe parir xjentifiku rilevanti ġdid.
- (9) Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat fis-26 ta' Awwissu 2026.
- (10) Il-Kummissjoni tqis li, filwaqt li l-miżuri proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta huma inqas stretti mill-miżuri rakkomandati mill-ICES, dawn se jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-qabdiet inċidentali tad-dniefel komuni fil-Golf tal-Biskalja fl-2027.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq.
- (12) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri addizzjonali għall-protezzjoni tad-dniefel komuni u ċetaċċi żgħar oħra li l-Kummissjoni tista' tadotta skont id-dritt tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-infurzar tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁷ jew, f'każ ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati relatati ma' theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, u għal miżuri nazzjonali aktar stretti li l-Istati Membri jistgħu jadottaw għal dak l-għan fl-ilmijiet tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u r-Regolament (UE) 2019/1241.
- (13) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli. Peress li l-miżuri attwali jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2026, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.
- (14) Sabiex l-operaturi u l-awtoritajiet tal-kontroll tas-sajd ikunu jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom u jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa, jenħtieġ li l-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jinnotifikaw il-perjodu tal-għeluq fil-ħin qabel il-bidu ta' tali għeluq.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif xieraq,

⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4.9.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN